PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

2008/0090(COD)

26.1.2009

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (tfassil mill-ġdid)
(COM(2008)0229 – C6-0184/2008 – 2008/0090(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Anneli Jäätteenmäki

(*) Il-kumitat assoċjat - Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

It-trasparenza hi prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Dan hu ddikjarat b'mod ċar fl-Artikolu 255 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea (TKE):

> *"Kull ċittadin tal-Unjoni, u kull persuna fiżika jew ġuridika li toqgħod jew li jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru, għandu jkollha d-dritt għall-aċċess għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni...".*

Apparti dan, it-Trattat ta' Lisbona jiddikjara li:

> *"Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod kemm jista' jkun miftuħ u qrib iċ-ċittadin".* (Artikolu 10-3 tat-TUE)

Barra minn hekk:

> *"Sabiex tiġi promossa t-tmexxija tajba u sabiex tiġi assigurata l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili, l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod kemm jista' jkun miftuħ".* (Artikolu 15-1 tat-TFUE)

Ir-regolament 1049/2001 attwali kien pass sinifikanti lejn aktar ftuħ. Fis-sitt snin minn meta ġie implimentat, ikkontribwixxa għall-ħolqien ta' kultura ta' amministrazzjoni aktar trasparenti fl-Istituzzjonijiet Ewropej.

Id-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi tar-Regolament 1049/2001 kien importanti għal dan il-proċess. L-aħħar ta' dawn kienet is-sentenza sinifikanti ħafna li qatgħet il-Qorti fil-kawża magħrufa bħala l-kawża Turco (T-84/03 Turco v. Council). Il-Qorti ddeċidiet li l-Kunsill għandu jagħti aċċess ukoll għall-pariri tas-servizz legali tiegħu, meta dawn il-pariri jkunu jikkonċernaw att leġiżlattiv. Il-Qorti temmen li l-prinċipji ta' trasparenza u ftuħ fil-proċess għat-teħid ta' deċiżjonijiet jikkostitwixxu "raġunijiet prevalenti ta' interess pubbliku" li jiġġustifikaw l-iżvelar tal-pariri legali. Fil-konklużjonijiet tagħha l-Qorti ddikjarat li: "it-trasparenza... tikkontribwixxi fl-għoti ta' aktar leġittimità lill-istituzzjonijiet f'għajnejn iċ-ċittadin u żżid il-kunfidenza tiegħu fihom".

Il-proposta tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ressqet il-proposta tagħha biex jiġi emendat ir-Regolament 1049/2001 nhar it-30 ta' April 2008. Il-Parlament Ewropew talab reviżjoni tar-Regolament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2008. Fin-Nota Spjegattiva għall-Proposta, il-Kummissjoni tipprova tagħti l-impressjoni li għamlet il-bidliet li talab il-Parlament.

Sfortunatament, dan kompletament mhux il-każ. Fejn il-Parlament talab għal aktar ftuħ, bil-kontra, ħafna emendi ssuġġeriti mill-Kummissjoni jbaxxu l-istandard attwali.

L-aktar gravi minn dawn hija l-emenda li l-Kummissjoni qed tipproponi għall-Artikolu 3 li jkun jillimita b'mod sinifikanti d-definizzjoni ta' dokument. Jekk din il-bidla titwettaq, dan ikun ifisser li parti biss tad-dokumenti attwalment miftuħa għall-pubbliku se jkomplu jkunu

hekk fil-ġejjieni. Fl-opinjoni tar-Rapporteur, id-definizzjoni attwali m'għandhiex tinbidel peress li tkopri d-dokumenti relevanti kollha - u mhux biss dawk irreġistrati.

Emenda oħra li qed tħasseb lir-Rapporteur tirrigwarda d-dritt li l-Istati Membri jżommu lura dokumenti fl-Artikolu 5. Il-formulazzjoni proposta mill-Kummissjoni tagħti lill-Istati Membri dritt bla limiti biex jappellaw għal-leġiżlazzjoni tagħhom stess. L-istituzzjonijiet setgħu jikkunsidraw biss dawk ir-raġunijiet ibbażati fuq ir-Regolament. Dritt ta' dan it-tip idgħajjef il-prinċipju tat-trasparenza u jħallih kompletament għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Għal darb'oħra, hawnhekk l-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament għandhom ikunu biżżejjed. Jekk ma jkunux, għandhom isiru bidliet fl-Artikolu 4 u mhux jingħataw drittijiet bla limiti lill-Istati Membri.

Il-Kummissjoni injorat totalment il-proposti li għamel il-Parlament fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2008 dwar il-possibilitajiet li għandu l-Parlament li jeżerċita d-dritt tiegħu għal skrutinju demokratiku. Il-Parlament irid ikollu aċċess għal dokumenti sensittivi sabiex ikun jista' jaqdi kompletament id-dmirijiet tiegħu - l-arranġament dwar kif jiġu trattati dokumenti ta' dan it-tip jistgħu jiġu miftehma bejn l-istituzzjonijiet.

Madankollu, hemm emendi li saru mill-Kummissjoni li jistgħu jintlaqgħu mill-Parlament. Dawn huma, fuq kollox: it-twessigħ tad-dritt ta' aċċess biex jinkludi kull persuna fiżika jew legali u mhux biss iċ-ċittadini tal-UE kif qiegħed fir-regolament attwali; id-dispożizzjonijiet ambjentali li jirriżultaw mill-Konvenzjoni ta' Aarhus u aċċess dirett imtejjeb għad-dokumenti leġiżlattivi.

Dawn l-emendi pożittivi huma sfortunament f'minoranza meta mqabbla ma' dawk li l-Parlament iqishom negattivi. Meta wieħed iqis dawn l-emendi negattivi, ir-Rapporteur temmen li jkun aħjar li jinżamm ir-Regolament attwali milli jiġu adottati bidliet li jdgħajfuh.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala kumitat responsabbli, biex jinkorpora fir-rapport tiegħu l-emendi li gejjin.

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 18 a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	***(18a) L-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-iżvilupp tat-teknoloġija tal-informazzjoni jħaffef l-eżerċizzju tal-jedd għall-aċċess u ma jwassalx għal tnaqqis tal-ammont ta' tagħrif disponibbli għall-**

pubbliku.

Ġustifikazzjoni

Il-progress fit-teknoloġija tal-informazzjoni jista' jkollu effetti pożittivi u negattivi fuq l-aċċess pubbliku. L-istituzzjonijiet għandhom jippruvaw jippromwovu l-effetti pożittivi u jimminizzaw in-negattivi. Il-provvediment għall-aċċess għall-informazzjoni fid-dejtabejż elettroniku jsir billi tiġi emendata d-definizzjoni tad-dokumenti fl-Artikolu 3 u l-obbligazzjoni ġenerali għall-informazzjoni tajba hija proposta f'emenda għall-Artikolu 15. Dawn l-emenda jservu wkoll biex jitqies il-jedd għall-amministrazzjoni t-tajba li jinsab fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) «dokument» għandha tfisser kwalunkwe kontenut ikun xi jkun il-mezz tiegħu (miktub fuq il-karta jew miżmum f'forma elettronika jew bħala ħoss jew irrekordjat f'forma viżiva jew awdjoviżiva) ***mħejjija minn xi istituzzjoni u trażmessa formalment lil reċipjent wieħed jew aktar jew irreġistrat b'mod ieħor, jew irċevut minn xi istituzzjoni; data*** li qiegħda tinżamm f'forma elettronika, sistemi tal-iproċessar u ta' irkupru ***huma dokumenti jekk jistgħu*** jiġu estratti f'forma ta' karta miktuba jew ***f'kopja*** ta' format elettroniku li jużaw l-għodda elettroniċi disponibbli għall-isfruttament tas-sistema	(a) 'dokument' għandu jfisser kwalunkwe kontenut fi kwalunkwe mezz (miktub fuq il-karta jew miżmum f'sura elettronika jew bħala reġistrazzjoni ta' awdjo, viżiva jew awdjoviżiva) ***dwar kwistjoni marbuta ma' politika, attivitajiet u deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbilità tal-istituzzjoni***; ***informazzjoni*** li qiegħda tinżamm f'forma elettronika, sistemi tal-iproċessar u ta' irkupru ***(inklużi s-sistemi esterni użati għax-xogħol tal-istituzzjoni) għandha tikkostitwixxi dokument jew dokumenti jekk*** jistgħu jiġu estratti f'forma ta' karta miktuba ***waħda jew aktar jew f'kopji*** ta' format elettroniku li jużaw l-għodda elettroniċi ***raġonevolment*** disponibbli għall-isfruttament tas-sistema

Ġustifikazzjoni

L-emenda tirrestawra l-formulazzjoni preżenti tad-definizzjoni bażiku ta' dokument, peress li l-proposta tal-Kummissjoni tkun tippermetti l-limitazzjoni arbitrarja tal-jedd ta' aċċess. Id-diċitura addizzjonali tipprovdi għall-aċċess għall-informazzjoni fid-dejtabejżis elettroniċi sabiex jintlaħaq l-objettiv deskritt fil-Premessa 18 il-ġdida.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsultazzjoni legali u qorti, arbitraġġ u proċeduri għall-arranġament ta' tilwim ;	(c) konsultazzjoni legali u qorti, arbitraġġ u proċeduri għall-arranġament ta' tilwim, ***apparti dak li jikkonċerna l-konsultazzjoni legali fir-rigward tal-proċeduri li jwasslu għal att leġiżlattiv jew att mhux leġiżlattiv b'applikazzjoni ġenerali;***

Ġustifikazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fis-sentenza tagħha dwar il-kawża Turco li l-iżvelar tal-pariri legali f'inizjattivi leġiżlattivi jżid it-trasparenza u l-ftuħ tal-proċess leġiżlattiv u jsaħħaħ id-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadin Ewropew.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-ismijiet, it-titoli u l-funzjonijiet ta' dawk li huma uffiċjali pubbliċi, uffiċjali ċivili u rappreżentanti ta' interess b'konessjoni mal-attivitajiet professjonli tagħhom għandhom jinkixfu sakemm, minħabba ċ-ċirkostanzi partikolari, il-kxif ikun se jaffettwa b'mod ħażina l-persuni konċernati. Data personali oħra għandha tinkixef skont il-kondizzjonijiet fir-rigward tal-ipproċessar illegali ta' data bħal din stipulata mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.***	5. ***Data personali m'għandhiex tiġi żvelata jekk żvelar ta' dan it-tip ikun ta' ħsara għall-privatezza jew l-integrità tal-persuna konċernata. Ħsara ta' dan it-tip ma tirriżultax jekk:***
	– id-data tkun relatata biss mal-attivitajiet professjonali tal-persuna konċernata sakemm, minħabba ċ-ċirkustanza partikulari, ma jkunx hemm raġuni li wieħed jassumi li l-iżvelar ikollu effett

ħażin fuq dik il-persuna;

– id-data tkun relatata biss ma' persuna pubblika sakemm, minħabba ċ-ċirkustanzi partikulari, ma jkunx hemm raġuni li wieħed jassumi li l-iżvelar ikollu effett ħażin fuq dik il-persuna jew fuq persuni oħra relatati miegħu jew magħha;

– id-data ma tkunx diġà ġiet ippublikata bil-kunsens tal-persuna kkonċernata.

Data personali għandha madankollu tiġi żvelata jekk ikun hemm raġuni prevalenti ta' interess pubbliku li tirrikjedi l-iżvelar. F'dawk il-każi, l-istituzzjoni jew l-entità għandhom jiġu rikjesti li jispeċifikaw l-interess pubbliku. Għandhom jagħtu raġunijiet dwar għalfejn, fil-każ speċifiku, l-interess pubbliku jipprevali fuq l-interessi tal-persuna kkonċernata.

Meta istituzzjoni jew entità tiċħad l-aċċess għal dokument fuq il-bażi tal-paragrafu 1, għandhom iqisu dwar jekk ikunx possibbli aċċess parzjali għad-dokument.

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni ma tagħrafx il-merti tal-bżonn ta' bilanċ ġust bejn id-drittijiet fundamentali kkonċernati u lanqas ma tirrifletti s-sentenza tal-Qorti tal-Prim Istanza fil-Lager Bavarjan.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. L-eċċezzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu mhux itwal minn 30 sena. Fil-każ ta' dokumenti koperti mill-eċċeżżjonijiet dwar il-protezzjoni ta' data personali jew interessi kummerċjali u fil-każ ta' dokumenti sensittivi, l-	7. L-eċċezzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu ***m'għandhomx japplikaw għad-dokumenti tražmessi fil-qafas tal-proċeduri li jwasslu għal att leġiżlattiv jew att leġiżlattiv b'applikazzjoni ġenerali. L-eċċezzjonijiet*** għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu mhux itwal

eċċeżżjonijiet jistgħu, jekk meħtieġ, jibqgħu japplikaw wara dan il-perjodu.	minn 30 sena. Fil-każ ta' dokumenti koperti mill-eċċeżżjonijiet dwar il-protezzjoni ta' data personali jew interessi kummerċjali u fil-każ ta' dokumenti sensittivi, l-eċċeżżjonijiet jistgħu, jekk meħtieġ, jibqgħu japplikaw wara dan il-perjodu.

Ġustifikazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat fis-sentenza tagħha dwar il-kawża Turco li l-iżvelar tal-pariri legali f'inizjattivi leġiżlattivi jżid it-trasparenza u l-ftuħ tal-proċess leġiżlattiv u jsaħħaħ id-drittijiet demokratiċi taċ-ċittadin Ewropew.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn applikazzjoni tikkonċerna dokument li jorigina minn Stat Membru, barra dokumenti trasmessi fil-qafas tal-proċeduri li jwasslu għal att leġiżlattiv jew att mhux leġiżlattiv ta' applikazzjoni ġenerali, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru għandhom jiġu kkonsultati. L-istituzzjoni li qiegħda żżomm id-dokument għandha tikxfu sakemm l-Istat Membru jipprovdi raġunijiet għalfejn irid iżommu għalih, ibbazati fuq l-eċċezzjoniet imsemmijin fl-Artikolu 4 ***jew fuq id-dispożizzjonijiet speċifiċi fil-leġiżlazzjoni tiegħu li jostakolaw il-kxif tad-dokument ikkonċernat.*** L-istituzzjoni għandha tapprezza l-adegwatezza tar-ragunijiet mogħtija mill-Istat Membru ***sakemm huma bbażati fuq l-eċċezzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.***	2. Fejn applikazzjoni tikkonċerna dokument li jorigina minn Stat Membru, barra dokumenti trasmessi fil-qafas tal-proċeduri li jwasslu għal att leġiżlattiv jew att mhux leġiżlattiv ta' applikazzjoni ġenerali, l-awtoritajiet ta' dan l-Istat Membru għandhom jiġu kkonsultati. L-istituzzjoni li qiegħda żżomm id-dokument għandha tiżvelah sakemm l-Istat Membru ma jipprovdix raġunijiet għalfejn irid iżommu għalih, ibbazati fuq l-eċċezzjoniet imsemmijin fl-Artikolu 4. L-istituzzjoni għandha tapprezza l-adegwatezza tar-ragunijiet mogħtija mill-Istat Membru.

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri m'għandhomx jingħataw id-dritt assolut li jinvokaw il-leġiżlazzjoni tagħhom stess. L-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 4 għandhom ikunu raġuni tajba biżżejjed għaċ-ċaħda tal-aċċess.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Applikazzjoni konfermatorja għandha tiġi proċessata mal-ewwel. *Sa* żmien ***30*** jum utli mir-reġistrazzjoni ta' din l-applikazzjoni, l-istituzzjoni għandha jew tagħti l-aċċess għad-dokument mitlub u tagħti aċċess skont l-Artikolu 10 f'dak il-perjodu jew, fi tweġiba bil-miktub, tagħti r-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali. Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-istituzzjoni għandha tavża l-applikant dwar ir-rimedji tiegħu jew tagħha,	1. Applikazzjoni konfermatorja għandha tiġi proċessata mal-ewwel. *Fi* żmien ***15*** jum utli mir-reġistrazzjoni ta' din l-applikazzjoni, l-istituzzjoni għandha jew tagħti l-aċċess għad-dokument mitlub u tagħti aċċess skont l-Artikolu 10 f'dak il-perjodu jew, fi tweġiba bil-miktub, tagħti r-raġunijiet għar-rifjut totali jew parzjali. Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-istituzzjoni għandha tavża l-applikant dwar ir-rimedji tiegħu jew tagħha,

Ġustifikazzjoni

Jekk, kif previst fil-proposta tal-Kummissjoni, din l-iskadenza tiġi estiża għal 30 ġurnata tkun pass lura. 30 jum ta' xogħol (!) kif proposti mill-Kummissjoni jkunu jikkostitwixxu eżempju negattiv meta mqabbel ma' kull aċċess nazzjonali għal-liġijiet dwar l-informazzjoni fl-UE.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***javżaw*** lill-Parlament Ewropew dwar dokumenti sensittivi skont l-arranġamenti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet.	7. Il-Kummissjoni u l-Kunsill għandhom ***jiżguraw sorvaljanza xierqa mill-*** Parlament Ewropew dwar dokumenti sensittivi skont l-arranġamenti miftiehma bejn l-istituzzjonijiet, ***li għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku***.

Ġustifikazzjoni

Il-Parlament irid jingħata aċċess għal dokumenti sensittivi biex ikun jista' jwettaq kompletament id-dmir tiegħu ta' skrutinju demokratiku.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-istituzzjonijiet għandhom, sa fejn hu possibbli jagħmlu d-dokumenti direttament aċċessibbli lill-pubbliku f'forma elettronika jew permezz ta' reġistru skont ir-regoli tal-istituzzjoni involuta.

Ġustifikazzjoni

L-istandard attwali fir-rigward ta' dokumenti mhux leġiżlattivi m'għandux jitbaxxa.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Dokumenti miktuba jew irċevuti waqt proċeduri għall-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi tal-UE , jew atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali se bla ħsara ***lill-Artikoli 4 u 9***, ikunu direttament aċċessibbli mill-pubbliku .	1. ***B'mod partikulari,*** d-dokumenti miktuba jew irċevuti waqt proċeduri għall-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi tal-UE , jew atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali se bla ħsara lill-***Artikoli 9***, ikunu direttament aċċessibbli mill-pubbliku .

Ġustifikazzjoni

Konsegwenza loġika tal-emenda preċedenti.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. ***Kull istituzzjoni għandha tiddefinixxi fir-regoli tal-proċedura tagħha liema kateġoriji oħra ta' dokumenti huma***	4. ***L-istituzzjonijiet għandhom jistabbilixxu portal komuni għar-reġistri tad-dokumenti tagħhom, u b'mod partikulari għandhom jiggarantixxu punt***

direttament aċċessibli mill-pubbliku.	***ta' aċċess uniku għal aċċess dirett għad-dokumenti li jitfasslu jew jaslu waqt proċeduri għall-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi jew atti mhux leġiżlattivi tal-UE ta' applikazzjoni ġenerali.***

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun hemm punt ta' aċċess uniku għall-pubbliku.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw prattiċi amministrattivi tajbin sabiex jiffaċiltaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-aċċess garantit minn dan ir-Regolament.	1. L-istituzzjonijiet għandhom jiżviluppaw prattiċi amministrattivi tajbin sabiex jiffaċiltaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-aċċess garantit minn dan ir-Regolament. ***L-istituzzjonijiet għandhom jorganizzaw u jżommu l-informazzjoni fil-pussess tagħhom b'mod li l-pubbliku jista' jingħata aċċess għall-informazzjoni mingħajr sforz żejjed.***

Ġustifikazzjoni

L-emenda għall-Artikolu 15(1) hija msejsa fuq il-jedd għall-amministrazzjoni tajba misjub fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u jikkorrispondi mal-leġiżlazzjoni, ngħidu aħna, tal-Finlandja. Ikun ifisser ukoll pass fid-direzzjoni lejn att għal-libertà tal-informazzjoni tal-UE ġenwin, filwaqt li fl-istess nifs jintlaħaq l-objettiv magħmul fil-Premess 18 il-ġdida, jiġifieri li l-iżvilupp fit-teknoloġija tal-informazzjoni għandu jagħmilha eħfef li jiġi eżerċitat il-jedd tal-aċċess u li jitnaqqasx l-ammont ta' informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

PROĊEDURA

Titolu	Aċċess tal-pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni
Referenzi	COM(2008)0229 – C6-0184/2008 – 2008/0090(COD)
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 22.5.2008
Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	20.11.2008
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Anneli Jäätteenmäki 24.6.2008
Eżami fil-kumitat	10.9.2008 4.11.2008
Data tal-adozzjoni	22.1.2009
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 20 –: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Enrique Barón Crespo, Richard Corbett, Jean-Luc Dehaene, Andrew Duff, Anneli Jäätteenmäki, Aurelio Juri, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Timothy Kirkhope, Jo Leinen, Íñigo Méndez de Vigo, Ashley Mote, Adrian Severin, József Szájer, Riccardo Ventre, Johannes Voggenhuber, Andrzej Wielowieyski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Costas Botopoulos, Klaus-Heiner Lehne, Gérard Onesta, Sirpa Pietikäinen, Mauro Zani